

Brussell, 18 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6176/1/26  
REV 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0101 (COD)**

---

---

**CODEC 195  
JAI 179  
ASILE 15  
ASIM 10**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' orijini sikuri fil-livell tal-Unjoni ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fis-16 ta' April 2025 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup> tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 78(2), il-punt (d), TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Ottubru 2025<sup>2</sup>.
3. Fl-10 ta' Frar 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>3</sup>. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

---

<sup>1</sup> 8042/25 + ADD 1.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2026/71, 30.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/71/oj>.

<sup>3</sup> 6115/26.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill<sup>4</sup> japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 67/25, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Belġju u l-Ungerija.
5. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

---

<sup>4</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.